# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 91/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 142/2022 fl-ismijiet:**

**Spiridione Muscat**

**vs.**

**Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 28 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti s-soċjeta' Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, u dana a tenur ta' l-Artikoli 836(1)(b), 836(1)(ċ), 836(1)(d), u l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi l-mandat odjern sar frivolożament, vessatorjament u malizzjożament u konsegwentement tordna l-ħlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Fin-nuqqas jekk il-Qorti tħoss illi ma jippersistux iċ-ċirkostanzi li jimmeritaw l-akkoljiment ta' l-ewwel żewġ talbiet allura tordna lill-intimat a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap 12 sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju;*

*u dan taħt kull provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-Digriet tagħha tal-15 ta' Frar 2022 (*a fol.* 32) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimat Spiridione Muscat li ġie mogħti żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex jippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtieq jagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jixtieq jippreżenta.

Rat ir-Risposta *ossia* Nota tal-intimat Spiridione Muscat (*a fol.* 39 *et seq.*) ippreżentata fit-12 ta' April 2022 fejn oġġezzjona għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 142/2022 fl-ismijiet **Spiridione Muscat vs. Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco**.

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Spiridione Muscat vs. Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco** (Numru 75/2022).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fl-10 ta' Ottubru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Collins ġie ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "E" – *a fol.* 30 *et seq.*) bejn l-intimat Spiridione (Spiru) u Carmel sive Charles Bianco in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti Western Company Limited;

- in forza tal-imsemmi att, l-intimat Spiridione Muscat ikkostitwixxa ruħu bħala veru, ċert u likwidu debitur versu u a favur tas-soċjeta' rikorrenti Western Company Limited fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u sebgħa u tmenin Euro (€182,487), f'liema ammont hemm inkluż l-imgħax skont il-liġi;

- id-debitu msemmi fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu jirrigwarda kirjiet ta' garaxxijiet u bejgħ ta' diversi vetturi, liema debitu msemmi kellu jitħallas fi żmien seba' xhur mid-data meta ġie ffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu;

- ġiet reġistrata ipoteka bin-numru 17945/16 fuq parti mill-proprjeta' li tinsab b'numru wieħed (1), fi Triq Santa Katarina, Ħal-Qormi, liema fond ġie għand l-intimat Muscat b'wirt;

- il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinbiegħ fi żmien sitt xhur minn Jannar 2018 u allegatament il-bejgħ sfratta minħabba l-ipoteka speċjali li kien hemm reġistrata fuq il-proprjeta';

- fit-2 ta' Frar 2018 l-intimat Spiridione Muscat ippreżenta kawża fl-ismijiet **Spiridione sive Spiru Muscat vs. Carmelo sive Charles Bianco fil-kwalita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' Western Company Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-istess** (Numru 90/2018) fejn jitlob, fost l-oħrajn, li jiġu mħassra l-kuntratt tal-10 ta' Ottubru 2016 hawn fuq imsemmi u u tal-ipoteka bin-numru 17945/16.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005), il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex teżamina t-talbiet *per se* taż-żewġ rikorrenti waħda waħda, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' żewġ argumenti mressqa mill-istess rikorrenti fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*.

**Ikkunsidrat**

**<u>Argumenti preliminari mressqa mir-rikorrenti fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*</u>**

Illi fir-Rikors tagħhom ir-rikorrenti jressqu s-segwenti żewġ argumenti preliminari fir-rigward tal-mandat kawtelatorju in eżami:

- il-validita' tal-mandat hekk kif ippreżentat; u
- li Carmel sive Charles Bianco m'huwiex il-leġittimu kontradittur.

Nullita' Tal-Mandat ta' Sekwestru:
Illi r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nħareġ mingħajr ma kien fih l-informazzjoni rikjesta fl-Artikolu 831(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament li ma kienx hemm l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur.

Illi, fi kliem ieħor, dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa li l-mandat ma fih l-ebda tagħrif dwar il-jedd jew il-pretensjoni li fuqu huwa msejjes. B'konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti jisħqu li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* huwa null *ai termini* ta' Artikolu 789(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti trid tiżgura, fost l-oħrajn, li l-oriġini u x-xorta tad-debitu jkunu jirrizultaw mill-att li bih intalab il-ħruġ tal-mandat in kwistjoni. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-mandat in kwistjoni u tinnota li fl-istess mandat ġie spjegat li l-ammont ikkawtelat huwa kkalkolat fuq it-talbiet tas-sekwestrant fil-kawża fl-ismijiet **Spiridione Muscat vs. Western Company Limited et** (Numru 75/2022), liema kawża ġiet ippreżentata kontestwalment mal-mandat in kwistjoni. Għalhekk l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* iridu jinqraw fil-kuntest ta' dak li ngħad fil-kawża in kwistjoni.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat Muscat, għalkemm b'mod skarn, inkluda l-informazzjoni kollha meħtieġa hekk kif rikjest f'Artikolu 831(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-argument taż-żewġ rikorrenti f'dan ir-rigward ma jreġix u mhux ser jingħata akkoljiment.

Carmel sive Charles Bianco m'huwiex il-leġittimu kontradittur:
Illi fir-Rikors jiġi lamentat ukoll li r-rikorrent Carmel sive Charles Bianco m'huwiex il-leġittimu kontradittur.

Illi fil-kawża pendenti fl-ismijiet **Spiridione Muscat vs. Western Company Limited et** (Numru 75/2022), l-intimat Muscat jitlob, fost l-oħrajn, li l-Qorti tiddeċiedi illi l-intimati f'dik il-kawża, *ossia* żżewġ rikorrenti f'dan ir-Rikors, huma responsabbli għad-danni li sofra u li għad qiegħed isofri u dana *stante* li ma jistax jiġi ppublikat

il-kuntratt ta' akkwist ta' sehmu mill-fond b'numru wieħed (1), fi Triq Santa Katarina, Ħal-Qormi u dana sakemm dan il-fond jiġi liberat mill-garanziji li ġew ottenuti, skont hu, minn Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco b'mod abbużiv, b'mala fede u vjolenza.

Illi fi provvediment mogħti fit-3 ta' Awwissu 2001 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1246/01 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe et** (Numru 746/2001), din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt tar-rikorrenti l-kwestjoni dwar il-leġittimu kontradittur ma tistax tiġi esaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni għal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-esami li għandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx għall-inqas prova li mad-daqqa t'għajn teskludi li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li qed jintalab fil-kawża bin-Numru 75/2022, il-Qorti tinnota li f'każ li f'dan l-istadju jsir pronunzjament dwar jekk ir-rikorrenti Carmel sive Charles Bianco huwiex jew le il-leġittimu kontradittur tkun qed tidħol fil-mertu tal-każ li għadu qed jinstema' u b'hekk tkun qed tmur lil hinn mill-*prima facie* li huwa rikjest li jsir f'dawn il-proċeduri. F'dan l-istadju l-Qorti mhijiex ser tagħmel konsiderazzjonijiet li bihom b'xi mod jew ieħor tidħol fil-mertu tal-każ. Konsegwentement, f'din il-proċedura l-Qorti ser tiċħad l-argument li Carmel sive Charles Bianco m'huwiex il-leġittimu kontradittur.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tistħarreġ it-talbiet taż-żewġ rikorrenti waħda waħda.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**

Illi f'din l-ewwel talba r-rikorrenti jitolbu t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 142/2022 *ai termini* ta' Artikoli 836(1)(b),(ċ),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
(Li waħda mill-ħtiġiet ma tkunx għadha fil-fatt teżisti):
Illi sabiex talba għal revoka ta' mandat tkun tista' tintlaqa taħt din il-kawżali jrid jiġi muri li minn meta nħareġ il-mandat kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi liema tibdil jaffettwa r-raġuni li minħabba tagħha jkun oriġinarjament inħareġ il-mandat in kwistjoni.

Illi dan ir-raġunament jirriżulta minn numru ta' provvedimenti u f'dan ir-rigward issir riferenza għal provvediment fl-ismijiet **Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005) li sar riferenza għalih aktar 'il fuq, fejn il-Qorti qalet:

> "Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrent qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq il-fatt li l-mandat ma messux inħareġ jew ġie eżegwit fuq dak il-kont bankarju li fih qiegħed jiġi akkreditat l-ammont ta' pensjoni li huwa qiegħed jirċievi minn barra l-pajjiż. Bir-rispett kollu, dik ir-raġuni ma tistax issejjes kif imiss il-kawżali taħt l-Artikolu 836(1)(b). Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-mandat jibqa' fis-seħħ[1]. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nħareġ il-mandat fuq il-kont fejn ġiet sekwestrata l-pensjoni tiegħu." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti ma jirriżultalha xejn dwar iċ-ċirkostanzi li jingħad li nbidlu u li jistgħu jwassluha tikkunsidra li tirrevoka dan il-mandat taħt is-sub-Artikolu in eżami. B'hekk, il-Qorti ser tiċħad it-talba bbażata fuq Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Tonio Fenech noe vs. Avukat Patrick Spiteri pro et noe**.

Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
(Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju):
Illi, sabiex isostnu l-pożizzjoni taħt din il-kawżali, iż-żewġ rikorrenti jgħidu li s-soċjeta' Western Company Limited għandha tiġbor ħafna djun minn għand debituri differenti u f'dan ir-rigward hemm depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti, wara varji Mandati ta' Sekwestri Eżekuttivi, xejn anqas minn erba' mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€445,000). Minbarra dan, jingħad fir-Rikors promutur li s-soċjeta' rikorrenti timporta kwantita' ta' vetturi għas-suq lokali u għandha diversi proġetti li qegħdin jiġu żviluppati f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Illi l-Qorti tinnota li meta wieħed jibbaża t-talba għal revoka ta' mandat fuq il-punt li hemm garanzija suffiċjenti, hija l-parti sekwestrata li trid tipprova li fil-fatt hemm garanzija xierqa. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti tal-Qrati fil-kuntest ta' garanzija xierqa u tirreferi, fost l-oħrajn, għal provvediment mogħti fl-14 ta' Awwissu 2013 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1595/2012 fl-ismijiet Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited (C-53626)** (Numru 67/2013), fejn il-Qorti qalet:

> "Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[2]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant.[3]"

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dikjarazzjoni bħal dik magħmula mir-rikorrenti li s-soċjeta' rikorrenti għandha somma ta' flus depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti ma hija ta' ebda fejda ġialadarba ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Il-Qorti tinnota, għal kull buon fini, li anke kieku tressqet tali prova ma kienx ifisser neċessarjament li l-Qorti kienet ser tkun propensa li taċċetta tali

[2] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et**.
[3] Ara P.A. TM 20.2.2003 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd. vs. Euro Imports Ltd**.

prova bħala evidenza ta' likwidita' minħabba li ma hemm l-ebda garanzija li l-intimat jista' jkollu aċċess għal din is-somma u li ma hemmx kredituri oħra li jieħdu preċedenza qablu. Lanqas ma jiswa' l-argument imressaq mir-rikorrenti li s-soċjeta' rikorrenti Western Company Limited hija nvoluta f'numru ta' proġetti ta' żvilupp *stante* li fl-atti ma jirriżulta xejn konkret f'dan ir-rigward!

Illi stante li ma tressqet l-ebda prova in atti dwar l-eżistenza ta' garanzija sodisfaċenti, b'hekk isegwi li fejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
(L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv):
Illi taħt din il-kawżali r-rikorrenti jressqu l-argument li ċ-ċifra li qed jipprova jikkawtela l-intimat Spiridione Muscat permezz tal-mandat in eżami hija simili għal dak li qed titlob il-ħlas tiegħu s-soċjeta' rikorrenti permezz ta' l-eżekuzzjoni ta' numru ta' kambjali. In sostenn ta' dan, ir-rikorrenti jippreżentaw kopja ta' provvediment (Dok. "Ċ" - *a fol.* 10 *et seq.*) mogħti fl-1 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet **Wara l-Ittra Uffiċjali 1956/20 tad-9 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Western Company Limited vs. Spiridione Muscat** (Numru 584/2020).

Illi, da parte tiegħu, l-intimat Muscat jisħaq li meta jitqabbel l-ammont kawtelat ta' tletin elf, ħames mija u erba' Euro u ħdax il-ċenteżmu (€30,504.11) mal-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) dovuti mis-sena 2018 fuq iċ-ċifra ta' ħamsa u disgħin elf Euro (€95,000) (liema ċifra huwa s-sehem li kien ser jirċievi l-istess intimat mill-bejgħ tal-fond bin-numru wieħed (1), Triq Santa Katarina, Ħal-Qormi) żgur wieħed ma jistax jgħid li l-ammont kawtelat huwa eċċessiv.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1655/2012 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Numru 1111/2012) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[4]."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ġie kkwotat u mingħajr ma' l-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ, il-Qorti tikkunsidra li l-intimat Spiridione Muscat jidher li għandu jedd li jrid jipproteġi u li *prime facie* l-ammont kawtelat jidher li mhux sproporzjonat meta mqabbel mal-jedd pretiż.

Għaldaqstant sa fejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda wkoll.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli)</u>:
Illi sabiex talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt din il-kawżali tikseb ir-riżultat mixtieq, ir-rikorrent irid juri li nbidlet xi ċirkostanza bejn meta nħareġ il-mandat u meta jressaq it-talba tiegħu għal revoka u jrid juri wkoll li minħabba tali ċirkostanza ma jkunx lok li l-mandat jibqa' fis-seħħ. Dan ir-raġunament ġie ikkonfermat minn numru ta' provvedimenti u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Numru 945/2012) fejn il-Qorti diversament preseduta saħqet hekk:

[4] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[5] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ."

Illi mill-atti proċesswali ta' dan ir-Rikors il-Qorti ma jirriżultalhiex li nbidlu xi ċirkostanzi minn meta nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*. Għaldaqstant sa fejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Impożizzjoni ta' Penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**

Illi ż-żewġ rikorrenti jitolbu li l-Qorti sabiex tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* sar b'mod frivolu, vessatorju u b'malizzja u li l-intimat Muscat għandu jiġi kkundannat iħallas penali. Ir-rikorrenti jsostnu li l-mandat in kwistjoni m'huwiex mistħoqq u huwa ntiż sabiex jagħmel pressjoni fuqhom u li dan jidher mill-fatt li fil-kawża preżentata mill-intimat Muscat huwa ma jitlobx li titneħħa l-ipoteka. Ir-rikorrenti jargumentaw li s-soċjeta' Western Company Limited kellha kull dritt titlob li jsir kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu aktar u aktar meta wieħed iqis li l-proprjeta' tas-sekwestrant imsemmija aktar 'il fuq hija l-unika proprjeta' tiegħu.

Illi l-Qorti tinnota li sabiex talba għal impożizzjoni ta' penali taħt s-sub-Artikolu msemmi tirnexxi, min jitlobha jeħtieġlu juri li fil-fatt kien hemm malizzja jew li l-mandat kien frivolu u/jew nħareġ b'mod vessatorju.

---

[5] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri et noe et**.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għal provvediment mogħti fis-7 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Paolo Bonnici Ltd** (Numru 492/2002) fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li ċ-ċirkustanzi ta' meta min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' *bonus paterfamilias*. Din il-pożizzjoni tidher li kienet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imħallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawża **"Spiteri vs. Camilleri"**, deċiża fl-10 ta' Jannar 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:
>
> […]
>
> *"(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("<u>Emanuele Calleja vs. Carmelo Grima</u>" – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravement kolpuża ("<u>Agius vs Dott. Carbone nomine</u>" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbażа fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non é sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("<u>Mugliette vs Bezzina</u>" – Kollez. Vol. XXVI.I.405)"".*

Illi l-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* sar b'malizzja jew b'mod frivolu u vessatorju. Il-Qorti tgħid dan minħabba li mad-daqqa t'għajn jidher li l-intimat Spiridione Muscat għandu dritt x'jikkawtela u fil-fatt ipproċeda b'kawża sabiex jikkawtela tali dritt. Għal kull buon fini, il-Qorti tinnota li

dan qed jingħad biss fuq bażi *prima facie* u li l-Qorti mhijiex tesprimi ruħha bl-ebda mod fuq il-mertu tal-każ.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u l-atti proċesswali, kemm tar-Rikors odjern u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li jeżistu l-elementi neċessarji sabiex tiddikjara li mandat in kwistjoni nħareġ bi ksur ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk isegwi li anke t-talba in eżami ser tiġi miċħuda.

**It-Tielet (3) Talba**
**(Impożizzjoni ta' garanzija xierqa a tenur ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)**:
Illi f'din it-talba r-rikorrenti jitolbu lill-Qorti sabiex, f'każ li ma jintlaqgħux l-ewwel żewġ talbiet tagħhom, *ai termini* ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-intimat Spiridione Muscat jiġi ordnat jagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali.

Illi l-Qorti tinnota li ma teżisti l-ebda informazzjoni ta' x'danni qed isofru ż-żewġ rikorrenti direttament minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Edward Vella vs. Charles Deguara** (Numru 1111/2012) u li diġa' sar riferenza għalih aktar 'il fuq fejn ingħad hekk:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, l-eżekutat ma jagħti l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu. Jidher li joqgħod fuq l-istess żewġ argumenti li fuqhom bena t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;
>
> Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri

> sakemm il-mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[6]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.[7] Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[8], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[9] minħabba l-istess mandat."

Illi l-Qorti tirreferi wkoll u tagħmel tagħha dak li ngħad fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx

---

[6] Ara P.A. RCP 30.5.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd**.
[7] Ara P.A. TM 4.10.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Rudolphe Gaerty**.
[8] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.
[9] Ara P.A. TM 18.9.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd**.

> bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-Artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[10], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni.
>
> Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha".

Illi, wara li l-Qorti għamlet l-istħarriġ tagħha, hija tal-fehma li ż-żewġ rikorrenti ma tawx raġuni valida għalfejn għandu jiġi impost l-obbligu tal-għoti ta' garanzija. Il-Qorti tinnota li ma ngabux provi tad-danni li ż-żewġ rikorrenti qiegħdin isofru minħabba l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni u lanqas ma ngħatat raġuni suffiċjenti sabiex jiġi impost fuq l-intimat Spiridione Muscat l-obbligu tal-garanzija. Il-Qorti tikkonkludi li ż-żewġ rikorrenti ma rnexxielhomx iġibu prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad ukoll it-tielet talba taż-żewġ rikorrenti.

---

[10] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha taż-żewġ rikorrenti eżekutati s-soċjeta' Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu *in solidum* miż-żewġ rikorrenti eżekutati s-soċjeta' Western Company Limited u Carmel sive Charles Bianco.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**